

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0013(NLE)

5604/21
ADD 1

TRANS 26

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	ANNEX COM(2021) 26 final
Suġġett:	ANNEX tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument ANNEX COM(2021) 26 final.

Mehmuż: ANNEX COM(2021) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021
COM(2021) 26 final

ANNEX

ANNEX

tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-Ħidma ta' Ekwipaġġi ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali bit-Triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

ANNEX

L-AETR huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt (x) li ġej:
 - (x) “Organizzazzjoni ta’ integrazzjoni reġjonali” tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija magħmula minn Stati sovrani ta’ reġjun partikolari, li għandha l-kompetenza fir-rigward ta’ ċerti kwistjonijiet irregolati minn dan il-Ftehim u li għet awtorizzata kif xieraq biex tiffirma u tirratifika, taċċetta, tapprova jew taderixxi għal dan il-Ftehim.
- (2) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4 Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Appendiċi 1C tal-Anness ta’ dan il-Ftehim, il-vetturi b’apparat ta’ kontroll konformi mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799¹ u l-atti emendatorji tiegħu jew mal-Appendiċi 1C tal-Anness ta’ dan il-Ftehim fir-rigward tal-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-użu u l-ittestjar għandhom jittqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti ta’ dan il-Ftehim”.
- (3) fl-Artikolu 13(2), jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) l-Appendiċi 1C għandu jsir obligatorju għall-pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2025. B’konsegwenza ta’ dan, il-vetturi kollha koperti minn dan il-Ftehim, li jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba mill-1 ta’ Jannar 2026, għandhom ikunu mgħammra b’apparat ta’ kontroll diġitali konformi ma’ dawk ir-rekwiżiti l-ġodda. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għal dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti, li jkun għadhom ma implimentawx dawn l-emendi fil-pajjiżi tagħhom, għandhom jaċċettaw u jikkontrollaw fit-territorju tagħhom vetturi rreġistrati f’Parti Kontraenti oħra għal dan il-Ftehim, li diġà huma mgħammra b’apparat ta’ kontroll diġitali bħal dan.

Mill-1 ta’ Jannar 2028 il-vetturi kollha użati fit-trasport internazzjonali għandhom ikunu mgħammra b’apparat ta’ kontroll diġitali konformi mal-Appendiċi 1C.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu joħorġu l-kards tas-sewwieqa msemmija fl-Appendiċi 1C sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Ottubru 2025.”;
- (4) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
 - (a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ ukoll biex jiġi ffirmat minn organizzazzjonijiet ta’ integrazzjoni reġjonali.

Għall-finijiet tal-emendar tal-Appendiċijiet 1, 1B, 1C, 2 u 3, ir-rappreżentant ta’ organizzazzjoni ta’ integrazzjoni reġjonali li tkun Parti Kontraenti għall-Ftehim jagħti l-voti tal-Istati Membri li jiffurmaw dik l-organizzazzjoni mingħajr il-bżonn tal-preżenza tagħhom meta jittieħed il-vot.”;
 - (b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

¹ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta’ Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta’ takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1).

“5. Fir-rigward ta’ kull Stat jew organizzazzjoni ta’ integrazzjoni reġjonali li tirratifika dan il-Ftehim, jew li tissieħeb fih, wara d-depożitu tat-tmien strument ta’ ratifika jew ta’ adeżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ mija u tmenin jum wara d-depożitu, min-naħa ta’ dak l-Istat jew ta’ dik l-organizzazzjoni ta’ integrazzjoni reġjonali, tal-istrument ta’ ratifika jew ta’ adeżjoni tagħha.”;

(5) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“1. L-Appendiċijiet 1, 1C u 2 tal-anness ta’ dan il-Ftehim jistgħu jiġu emendati bil-proċedura speċifikata f’dan l-Artikolu.

“2. Fuq talba ta’ Parti Kontraenti, kull emenda proposta għall-Appendiċijiet 1, 1C jew 2 tal-Annex ta’ dan il-Ftehim għandha titqies mill-Grupp Prinċipali ta’ Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. Jekk proposta biex jiġi emendat l-Appendiċi 1C tal-Annex ta’ dan il-Ftehim teħtieġ l-emendar ta’ dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim, l-emendi għall-Appendiċi 1C ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għal dawk id-dispożizzjonijiet l-oħra skont l-Artikolu 21. Jekk, f’każ bħal dan, l-emendi għall-Appendiċi 1C jiġu ppreżentati fl-istess ħin mal-emendi għal dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim, id-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom għandha tkun id-data li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċedura deskritta fl-Artikolu 21.”;

(6) jiddaħħal Appendiċi 1C ġdid, ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2020/1054² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif adattat għall-kuntest tal-AETR;

(7) fl-Appendiċi 2, Kapitolu III, “Ċertifikat ta’ approvazzjoni għall-prodotti skont l-Appendiċi 1B” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“III. Ċertifikat ta’ approvazzjoni għall-prodotti skont l-Appendiċi 1B/1C (1)

Ladarba l-Parti Kontraenti tkun effettwat approvazzjoni, din għandha toħroġ ċertifikat ta’ approvazzjoni għall-applikant, imfassal skont il-mudell ta’ hawn taħt. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jużaw kopji ta’ dan id-dokument sabiex jikkomunikaw każijiet ta’ approvazzjonijiet mogħtija jew ta’ irtirar lil Partijiet Kontraenti oħra.

Ċertifikat ta’ approvazzjoni għall-prodotti skont l-Appendiċi 1B/1C (1)

Isem tal-amministrazzjoni kompetenti

Komunikazzjoni dwar (2):

Approvazzjoni

Irtirar ta’ approvazzjoni

Ta’ mudell ta’ apparat ta’ kontroll

² Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta’ rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta’ sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta’ mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta’ takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

Ta' komponent ta' apparat ta' kontroll (3)

Ta' kard tas-sewwieq

Ta' kard tal-workshop

Ta' kard tal-kumpanija

Ta' kard ta' spettur

Nru tal-approvazzjoni.....

- (1) Marka ta' manifattura jew marka kummerċjali
 - (2) Isem il-mudell
 - (3) Isem il-manifattur
 - (4) Indirizz tal-manifattur
 - (5) Imressaq għall-approvazzjoni fi.....
 - (6) Il-laboratorju jew laboratorji tal-ittestjar
 - (7) Data u Nru ta' rapporti.....
 - (8) Data tal-approvazzjoni
 - (9) Data tal-irtirar tal-approvazzjoni
 - (10) Mudell(i) tal-komponent(i) tal-apparat ta' kontroll
li miegħu/magħhom il-komponent hu maħsub biex jintuża.....
 - (11) Post .
 - (12) Data.....
 - (13) Dokumenti ta' deskrizzjoni annessi.....
 - (14) Rimarki (inkluż it-tqegħid ta' siġilli, jekk ikun meħtieġ).....
-

.....
.....

.....
(Firma)

- (1) Speċifika l-Appendiċi 1B jew 1C
- (2) Immarka l-kaxxex rilevanti
- (3) Speċifika l-komponent ikkonċernat fil-komunikazzjoni